

L-Istati Membri ta' l-UE fejn twaqqaf Kunsill Ekonomiku u Soċjali  
jew xi istituzzjoni simili huma:



Il-Belġju

Il-Lussemburgu



Il-Bulgarija

L-Ungerija



Ir-Repubblika Ċeka

Malta



L-Estonja

L-Olanda



L-Irlanda

L-Awstrija



Il-Greċja

Il-Polonja



Spanja

Il-Portugall



Franza

Ir-Rumanija



L-Italja

Is-Slovenja



Il-Litwanja

Is-Slovakkja



Il-Finlandja




Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja  
l-punt ta' koordinazzjoni ċentrali tas-CESlink fil-KESE  
jew fil-Kunsill nazzjonali tiegħek.



**Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

Rue Belliard 99 · B-1040 Brussell  
Tel. (32-2) 546 98 11 · Faks (32-2) 546 99 26  
<http://www.eesc.europa.eu/ceslink>  
[ceslink@eesc.europa.eu](mailto:ceslink@eesc.europa.eu)

QE-80-08-294-MT-D



KESE-2008-12-MT



# CESlink

<http://www.eesc.europa.eu/ceslink>

## Introduzzjoni

Fis-sena 2000, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali (KES) fasslu għan komuni li joħolqu punt ta' informazzjoni ċentrali biex jgħinu l-pubbliku ġenerali jsir jaf aktar dwar l-istituzzjonijiet u l-ħidma tagħhom. L-Internet ġie identifikat bħala l-aħjar għodda għal dan il-għan. Twaqqaf grupp ta' ħidma magħruf bħala CESlink, u l-ewwel riżultat konkret tiegħu kien portal komuni. Kien hekk li beda l-proġett CESlink u dan ġie estiż gradwalment biex ikopri attivita- jiet komuni oħra.

Peress li hu attiv fil-livell Ewropew, il-KESE sar il-punt ta' koordinazzjoni tal-proġett CESlink. Il-KESE hu korp konsultattiv ta' l-Unjoni Ewropea u jipparteċipa fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea billi jressaq opinjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kumitat iservi wkoll ta' pont bejn l-Ewropa u s-soċjetà ċivili permezz tal-membri tiegħu, li jirrappreżentaw it-taqsimiet ekonomiċi u soċjali differenti tas-soċjetà ċivili organizzata. Il-KESE u l-Kunsilli nazzjonali jikkooperaw ukoll f'oqsma oħrajn.

## Missjoni

- Il-ħolqien ta' punt ċentrali ta' informazzjoni sabiex jitkattar l-għarfien pubbliku dwar kif jaħdmu l-KESE u l-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjo- nali (KES)
- It-tixrid ta' informazzjoni dwar avvenimenti organizzati u dokumenti mressqa mill-KESE u l-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali (KES)
- L-għoti ta' appoġġ u l-iżvilupp ta' aktar kooperazzjoni bejn il-KESE u l- Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali fl-Ewropa
- L-iffaċilitar ta' l-involvement tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali ta' l-Istati Membri l-ġodda fil-kooperazzjoni
- It-tiżiħ ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni dwar oqsma ta' interess komuni.

## Il-portal


Il-portal tal-CESlink jipprovdi informazzjoni dwar avvenimenti u inizjatti- vi organizzati mill-KESE u l-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali (KES). Ixrerred ukoll informazzjoni dwar id-dokumenti li jressqu. Jipprovdi liċ- ċittadini b'aċċessibbiltà faċli għal informazzjoni estensiva dwar il-KESE u l-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali (KES) permezz ta' portal wieħed. Il-portal isaħħaħ ukoll id-dibattitu u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il- KESE u l-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali dwar oqsma ta' interess komuni, bħall-istrateġija ta' Lisbona, il- komunikazzjoni u r-relazzjonijiet esterni.



<http://www.eesc.europa.eu/ceslink>

## Il-bażi tad-data

Il-bażi tad-data CESlink għandha selezzjoni ta' pubblikazzjonijiet reċen- ti tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali. Il-bażi tad-data hi libera- ment aċċessibbli mill-utenti kollha ta' l-internet permezz tal-portal tas- CESlink kif ukoll mis-siti ta' l-internet ta' kull wieħed mill-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali parteċipanti. Barraminhekk, bis-saħħa tal-magna tat-tiftix tal-bażi tad-data, l-utenti jistgħu jfittxu dokumenti skond il-Kunsill, id-data, it-tip ta' dokument u s- suġġett.



<http://www.portalecnel.it/CES/CesLink.nsf/vwPerPaeseEN?openview>

## Oqsma ta' żvilupp ġejjieni

- It-titjib tal-komunikazzjoni dwar l-attivitajiet u l-għodod tas-CESlink
- It-tiżiħ tal-kooperazzjoni bejn il-KESE u l-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali fl-UE
- L-integrazzjoni ta' membri ġodda fil-proġett CESlink, speċjalment wara t-tkabbir suċċessiv ta' l-UE
- It-tiżiħ tal-kooperazzjoni ma' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u l-Istituzzjonijiet Simili (AICESIS)
- L-għoti ta' informazzjoni tematika permezz tal-portal u database konġunta